MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 85/7

It-Tnejn 22 ta' Mejju 2017

Il-Kunsilli Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Demelsa Grech – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

85.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

85.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (83/7 [24/04/17]; 84/7 [28/04/17]);

85.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

85.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

85.5 Rapporti;

85.6 Skema 2 – Manutenzjoni tal-komun tal-binjiet tal-Gvern f'Tal-Mitħna – progress;

85.7 Riġenerazzjoni ta' Ġnien Raymond Caruana - progress;

85.8 Estensjoni tal-Librerija G. Zammit/Life Long Learning Centre;

85.9 Risposta għall-management letter għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016;

85.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

85.11 Affarijiet oħra;

85.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.01pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**85.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

85.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**85.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (83/7 [24/04/17]; 84/7 [28/04/17])**

85.2.1 Dawn il-minuti li ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa u kien hemm qbil li jiġu meħuda bħala moqrija. Kien hemm qbil unanimu li dawn il-minuti jiġu approvat nem con.

**85.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

85.3.1 Ftehim mal-Awtorità tad-Djar dwar manutenzjoni fil-komuni tal-binjiet tal-Gvern. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi dan il-ftehim ġie ffirmat u issa l-Kunsill kien sejjer joffri kull għajnuna possibbli sabiex dak miftiehem jiġi mwettaq fl-aħjar interess tar-residenti.

85.3.2 Ftehim dwar żewġt ikmamar għall-estenzjoni tal-librerija/life long learning centre. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi huwa u l-Viċi Sindku ltaqgħu ma' Sa. McNamara u uffiċjali oħra tal-Ministeru tal-Edukazzjoni fosthom Sa Roslyn

Vella, is-Sur Paul Debono Prinċipal u Sa Elizabeth Fenech l-Kap tal-Iskola Primarja tal-Gudja u jidher li sar progress li jiġi konkluż ftehim dwar dawn il-kmamar. Sa Mc. Namara talbet li l-abbozz tal-ftehim jiġi konkluż u maqbul kemm jista' jkun bla dewmien.

Kemm is-Sindku kif ukoll il-Viċi Sindku stqarru li Sa Mc. Namara wriet pożittività waqt il-laqgħa u ta' dan xtaqu jirringrazzjawha f'isem il-Kunsill.

85.3.3 Kalvert tal-ħadid fi Triq Mons. Pawlu Mallia. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien talab lil Transport Malta sabiex dan il-kalvert isir mill-kuntrattur li għamel din it-triq. Iżda peress li l-Kunsill baqa' bla risposta pożittiva u li peress li l-qagħda hija ta' periklu u jistgħu iweġġgħu n-nies kien qed jipproponi li din il-gradilja meħtieġa issir mill-ħaddiema tal-Kunsill wara li l-Kunsill jixtri l-ħadid u jiġi jiswa madwar €576.00 u li fi ħdan il-Kunsill hemm ħaddiema li jistgħu jwettqu dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel u approva dak li qal is-Sindku.

85.3.4 Xogħol ta' knies fit-toroq ġewwa l-Gudja. Kemm is-Sindku kif ukoll il-Viċi Sindku stqarru li x-xogħol ta' knis ma kienx sodisfaċenti u lanqas kif miftiehem fil-kuntratt mal-kuntrattur. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra ta' avviż iżda li sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor ma għandux iwaqqaf ix-xogħol lil dan l-istess kuntrattur.

Is-Sindku stqarr li is-Sur Bonavia tal-Community Works Scheme kien qed joffri ħaddiema lill-Kunsilli u li possibbilment ix-xogħol ta' knis jibda jsir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li dwar dan għandu jiċċara l-kundizzjonijiet u l-obbligi li jkun qed jidħol għalihom il-Kunsill kif ukoll li jinkisbu l-pariri u l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ikun meħtieġ.

**85.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

85.4.1 Il-kont tal-ilma u d-dawl ta' Ġnien Ġlormu Cassar Tax-Xljeli. Is-Sur Sammut staqsa lis-Sindku dwar kif dan il-kont kien issa ħareġ f'isem il-Kunsill u kif dan sar minn wara dahar il-Kunsill.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill mill-ewwel irrifjuta dan il-kont u dwar dak li sar. Is-Sindku qal li l-Ġnien kien sejjer jibqa' jixgħel u li l-Kunsill ma għandu xejn x'jaqsam ma' dan il-kont li riċentament l-ARMS ħarġet f'isem il-Kunsill.

85.4.2 Kameras/Alarms. Is-Sur Caruana staqsa lis-Sindku dwar dak li kien qed isir dwar is-CCTV u alarms fil-bini tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li kienu qed jiġu konsultai esperit sabiex jagħmlu rapport dwar l-aħjar li għandu jsir.

85.4.3 Pubblikazzjoni tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied 2'. Matul il-laqgħa s-Sur Caruana, beda biex irrimarka jekk saritx xi tweġiba lil Sur Bertram Portelli dwar dak li kien kiteb u staqsa permezz ta' imejl dwar it-tieni volum tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied'. Is-Sur Caruana rrimarka li peress dan il-ktieb li

għandu valur kemm kulturali kif ukoll edukattiv u potenzjalment turistiku, tajjeb li tkompli ssir ħidma bejn żewġ dekasteri, dak tal-kultura u edukazzjoni, sabiex dan il-proġett tal-ktieb jimaterjalizza ruħu.
Sa Grech irrimarkat li kienet diġà ltaqgħat u tkellmet mas-Sur Portelli dwar dak li konna tkellimna bħala Kunsill fil-passat. Is-Sur Caruana żied ma' fejn ħalliet Sa. Grech u qal li din tista' tkun okkażjoni fejn il-Kunsill Lokali tal-Gudja juri li bħala kunsilliera tajjeb li naħdmu aktar flimkien u mhux b'mod individwali. Is-Sur Caruana kompla billi qal li b'hekk biss nistgħu nkunu vera tan-nies. Il-ħidma konġunta bejn kulħadd biss li tista' twassal biex il-prodott finali jkun aktar apprezzat u jħalli aktar frott. Hu kwota wkoll lis-Sindku li waqt it-tnedija tal-ewwel pubblikazzjoni tal-ktieb 'Omm ta Bosta Wlied' kien feraħ u ħeġġeġ lis-Sur Portelli sabiex ikompli jaħdem fuq din ir-riċerka, ħalli l-wirt storiku tal-Gudja ma jintilifx.

Il-Kunsill qabel li fil-ħin opportun għandu jistieden lis-Sur Portelli sabiex jagħti rendikont ta' dak li twettaq u li finalment jista' jsir u b'hekk il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni finali.

Sa. Grech xtaqet tippreċiża li filwaqt li hija tkellmet mas-Sur Portelli ma kien hemm l-ebda ftehim u fil-fehma tagħha hemm differenza bejn wieħed ikun tkellem jew ikun ftiehem.

Is-Sindku qal li meta jkun qed isir xi ftehim ma terzi kulħadd għandu jkun infurmat u li huwa l-Kunsill li għandu l-fakultà li jagħti l-approvazzjoni kif ikun meħtieġ.

Il-Kunsill qabel li kemm Sa. Grech kif ukoll is-Sur Caruana għandhom jaħdmu flimkien u jmexxu ħalli dan il-proċess ma jiħux aktar fit-tul. Iż-żewġ kunsilliera qablu li għandhom jaħdmu id f'id sabiex il-Gudja tirbaħ.

**85.5.0 Rapporti**

85.5.1 Romeo Baldacchino (Viċi Sindku)

a. Ġnien Raymond Caruana. Is-Sur Baldacchino qal li kien qed isegwi l-progress dwar disinji ta' pjanti u approvazzjoni ta' permessi.

b. Ċirkulari bl-Ingliż u bil-Malti dwar ġbir ta' skart fil-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li fi żmien propizju għandha tintbagħat ittra ċirkulari lir-residenti kollha tal-Gudja sabiex tagħti t-tagħrif kollu meħtieġ u b'hekk ikun hemm aktar ordni u anqas possibilità li wieħed joħroġ skart li jista' ma jinġabarx u jkun qed iħammeġ l-ambjent.

c. Tabelli dwar valenu tal-bebbux. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jipprepara tabelli dwar dan sabiex wieħed għandu joqgħod attent fejn jitfa' l-valenu tal-bebbux u li dan m'għandux jitlaħaq kemm mill-bniedem kif ukoll mill-annimali li jkunu jistgħu għaddejjin fl-inħawi.

85.5.2 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Programm l-Erba' Staġuni – kollaborazzjoni ma' Din l-Art Ħelwa. Is-Sur Caruana qal li nhar il-Ħadd 28 ta' Mejju 2017 fis-7.30pm sejjer isir kunċert fuq livell internazzjonali. Is-Sur Sur Caruana qal li l-Kunsill kollu huwa mistieden u kemm f'ismu kif ukoll f'isem il-Kunsill xtaq juri l-apprezzament tiegħu għall-ħidma ta' kollaborazzjoni aktar wiesa' ma' Din l-Art Ħelwa għaliex dan huwa kemm ta' għajnuna lokali dwar il-kultura kif ukoll anke ta' valur fuq livell nazzjonali.

b. Programm tal-Erba' Staġuni – fl-10 ta' Lulju 2017. Is-Sur Caruana qal li kien qed jipprepara li jkun hemm attività kulturali qabel li l-Kunsill ikun qed jiċċelebra Jum il-Gudja fil-15 ta' Lulju 2017

c. Xogħol ta' tindif biswit il-Kappella ta' Bir Miftuħ. Is-Sur Caruana qal li hemm il-ħtieġa li jsir xogħol ta' tindif u żbir ta' siġar f'dawn l-inħawi u li jkun hemm skip sabiex jinġabar dak li jkun inqata' u jsir it-tindif kif meħtieġ.

**85.6.0 Skema 2 – Manutenzjoni tal-komun tal-binjiet tal-Gvern f'Tal-Mitħna – progress;**

85.6.1 Kif intqal aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti dan il-ftehim ġie ffirmat nhar it-Tlieta 23 ta' Mejju 2017.

**85.7.0 Riġenerazzjoni ta' Ġnien Raymond Caruana – progress**

85.7.1 Il-Kunsill innota dak li qal is-Sur Baldacchino aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti.

**85.8.0 Estenzjoni tal-Librerija G. Zammit/Life Long Learning Centre**

85.8.1 Il-Kunsill innota dak li ntqal qabel mis-Sindku u l-Viċi Sindku u jistenna li dan il-ftehim jiġi finalizzat fi żmien qasir fl-aħjar interess tar-residenti u l-komunità kollha tal-Gudja. Il-Kunsill filwaqt li nnota l-pożittività tas-Sa. Mc Namara stqarr li ma jistax jifhem in-negattività li wriet il-Kap tal-Iskola. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir jaf dwar il-Kunsill tal-Iskola bil-għan li jerġa' jiġi stabbilit ħidma pożittiva mal-iskola kif kien qed isir fil-passat.

Is-Sindku stqarr li hemm ħtieġa li titkabbar il-Librerija G. Zammit u li l-Kunsill ikompli bil-ħidma tiegħu dwar il-Life Long Learning.

Is-Sindku fakkar li bil-ħidma mal-Kap tal-Iskola ta' qabel il-Kunsill kien investa madwar €10,000.00 sabiex jistabbilixxi ċ-Ċentru dwar il-Life Long Learning liema investiment ġie mħarbat kompletament mill-kap preżenti.

Il-Kunsill qabel li huwa diffiċli meta wieħed jibni iżda huwa faċli li wieħed ikisser u jżarma. Il-Kunsill jinsab unanimu sabiex jaħdem sabiex kemm li jkun

hemm tkabbir u faċilità sanitarji fil-Librerija kif ukoll li jerġa' jitwaqqaf il-lok li jkun hemm lok għal Life Long Learning.

**85.9.0 Riposta għall-management letter għas-sena finanzarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016**

85.9.1 Il-Kunsill ħa fil-konsiderazzjoni tiegħu d-draft tar-risposta u qabel mal-kontenut b'mod intier u li din ir-riposta tintbagħat mill-aktar fiss sabiex il-Kunsill ikun kompletament konformi mal-proċeduri stabbiliti.

**85.10.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

85.10.1 Il-Kunsill approva il-lista ta' pagamenti nru 43/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku John Mary Calleja u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino għall-ammont totali ta' €14,596.73. Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**85.11.0 Affarijiet oħra**

85.11.1 Ma tressqet l-ebda tema għad-diskussjoni.

**85.12.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

85.12.1 Peress li s-suġġetti kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fis-6.46pm filwaqt li aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 19 ta' Ġunju 2017 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv